Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (EUR Law)
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Sandro Zarb)

vs

Nagib Chaban

Illum 7 ta’ Marzu, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Nagib Chaban, ta’ 31 sena ta’ nazzjonalita’ Lebaniza, iben Naili u Mena mwieled l-Israel fis-16/09/1970; li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli matul dawn l-ahhar jiem, minghajr ma inghata permess ta’ residenza nizel l-art jew kien Malta minghajr permess minghand l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni ;

U aktar talli bhala persuna li nizel l-art jew imbarkat f'Malta naqas li jkollu passaport jew jaghti lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jehtieg.

Ghaldaqstant il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-Ligi tiddikjara lill-imsemmija persuna bhala immigrant ipprojbit u tohrog Ordni ta' tnehhija kontra tieghu 'a tenur' ta' l-Artikolu 14 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni issibu hati ;

Rat l-artikoli 4, 5, 11, 12, 14, 15, 19 u 21 tal-Kap. 21 ;

Ikkunsidrat ghall-fini ta' pieni l-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta, ghaldaqstant ma tqisx illi piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut.

Rat ukoll l-artikolu 28A tal-Kap. 9 u tikkundannah ghal prigunerija ta' 6 xhur sospiza ghal sena millum.

Il-Qorti tiddikjara lill-hati bhala immigrant ipprojbit u tordna t-tkeccija tieghu minn dawn il-Gzejjer.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta' tieghu skond il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' sentenza sospiza.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur